.

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

**IMHALLEF:**

**ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Gunju, 2002**

**Numru 26**

**Cit. Nru. 633/2002/1 GCD**

**Synergy Limited**

**vs**

**Peter Muscat**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni li biha s-socjeta` attrici, wara li qalet:

Illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici fis-somma ta' dsatax-il elf disa mija u erbghin lira Maltin (Lm19,940) rapprezentanti sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) minnhom bhala hlas ta' kera ta' oggetti mikrija lill-konvenut ghall-perijodu 8 ta' Dicembru 2001 sas-7 ta' Marzu 2002 u sbatax-il elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm17,250) rapprezentanti l-valur ta' l-istess oggetti illi l-konvenut zamm ghandu meta skadiet il-kirja taghhom fis-7 ta'

Marzu 2002 minghajr ma hallas dan il-valur taghhom ta' Lm17,250 kif kien miftiehem;

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas dan l-ammont diversi drabi, il-hlas baqa' ma sarx minkejja illi l-konvenut dejjem irrikonoxxa illi l-ammont fil-fatt huwa dovut;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi a tenur ta' l-artikoli 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-talba ghall-hlas ta' l-istess dejn u in vista ta' l-affidavit tas-socjeta` attrici anness mac-citazzjoni u markat bhala Dok. "A";

Talbet illi din il-Qorti:

1. tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza skond l-artikoli 167 et seq. tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' dsatax-il elf disa' mija u erbghin lira Maltin (Lm19,940) rapprezentanti sitt mija u disghin lira Maltin (Lm690) minnhom bhala hlas ta' kera ta' oggetti mikrija lill-konvenut ghall-perjodu 8 ta' Dicembru 2001 sas-7 ta'

> Marzu 2002 u sbatax-il elf mitejn u hamsin lira Maltin (Lm17,250) rapprezentanti l-valur ta' l-istess oggetti illi l-konvenut zamm ghandu meta skadiet il-kirja taghhom fis-7 ta' Marzu 2002 minghajr ma hallas dan il-valur taghhom ta' Lm17,250 kif kien miftiehem.

Bl-ispejjez u bl-interessi mis-7 ta' Marzu 2002 sad-data tal-eventwali pagament kontra l-konvenut.

Rat ukoll l-*affidavit* mahluf minn Dr. Beppe Fenech Adami u rat id-dokumenti u l-atti kollha fil-process.

Rat illi c-citazzjoni u l-avviz tas-smigh kienu notifikati lill-konvenut fiz-zmien li trid il-ligi, izda, l-konvenut ma weriex li ghandu raguni tajba ghala jikkontesta l-kawza.

Billi ghalhekk l-artt. 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jridu li s-sentenza tinghata llum stess bid-dispensa tas-smigh, il-Qorti taqta' l-kawza billi tilqa' t-talbiet maghmula fic-citazzjoni, bl-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg. cm